# FI TWELID DANJEL CASSAR

L-ewwel iben ta' ħabibi
Manwel u martu Guża.

*Ta'* V. CARUANA

DANJEL, inti wilidt bogħod miċ-ċkejkna Gżira
Li fiha nħabbu t-tnejn missierek u ommok
Biex int tnissilt minn din l-imħabba kbira;
Biex ommok issa b'għożża kbira żżommok.

Missierek ma jħallikx żgur tinsa lsienu
Li bih min jaf kemm niseġ l-isbaħ għana,
W int għad taqr'hom għanjietu li fi żmienu
Kien f'Malta damm minn qalb, moħħ u id setgħana.

Danjel, rajthomx ulied l-Awstralja x'qima
Taw il-Letteratura tagħhom l'għadha
Titwieled bħall-Maltija. Hix tagħlima,
Li ta' katedra se' jagħtuha l-qagħda? *

Għalkemm bħal tagħna twieldet biss il-bieraħ
Qimuha flok maqdruha bi kliem ħieragħ.

* Ftit wara li nżilt l-Awstralja ġiet organizzata ġabra ta' flus biex titwaqqaf katedra tal-Letteratura Awstraljana fl-Università ta' Sydney.